# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Preliminari Nru 2870

**KAZ NRU: 4067/22/AM**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Albert Cassar**

**u**

**Enemalta Corporation u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2017, Engineering Resources Ltd assumiet l-atti tal-kawza**

*dwar allegazzjoni ta' differenza fil-paga mill-2010 sa 2013*

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip. Tax (MIT)**

Illum 2 ta' Dicembru, 2022

It-Tribunal,

Din hija decizjoni dwar l-eccezzjoni mqajjma mis-socjeta' ntimata ai termini tal-artikoli 30 u 75 (3 tal-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li permezz tieghu l-istess socjeta' teccepixxi li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante li ma gewx intavolati fi zmien erba' xhur mill-ksur allegat kif tassattivament titlob l-istess ligi.

Fit-trattazzjoni l-istess socjeta' ntimata permezz tal-Avukat taghha tispjega li l-kaz gara fis-26 t'Awissu 2016 id-data meta l-kumpanija nformat lir-rikorrent li huwa ma ghandux dritt; il-kawza quddiem il-Qorti Civili r-rikorrent ipprezentaha fl-24 ta' Frar 2017, cioe' wara l-iskadenza ta' erba' xhur u li ghalhekk la ghalqu l-erba' xhur il-kaz huwa preskritt.

Ir-rikorrent mill-banda l-ohra fir-risposta tieghu ghar-rikors tas-socjeta' ntimata sabiex iressaq din l-eccezzjoni ulterjuri, jikkontendi li l-ilment tieghu huwa ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 452 cioe' li huwa mhux jinghata l-paga kollha dovuta lilu u li dan ghandu jsir sa llum u ghaldaqstant il-ksur ghadu fis-sehh u ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-ksur sehh fis-26 t'Awissu 2016 kif qed tikkontendi s-socjeta' ntimata.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi dan it-Tribunal josserva li l-ewwel talba tar-rikorrent hija dikjarazzjoni li d-decizjoni tas-socjeta' ntimata tas-26 t'Awissu 2016 li ma jinghatax id-differenza dovuta lilu mis-sena 2010 sa Dicembru 2013 hija wahda ultra vires li saret bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali.

Illi ma hemm ebda dubju li l-perjodu ta' erba' (4) xhur kif hemm indikat fl-artikolu 75(3) tal-Kap 452 huwa wiehed ta' dekadenza u mhux wiehed ta' preskrizzjoni li jista' jigi nterrott.

Fis-sentenza tal**-Qorti tal-Appell sede Inferjuri per Imh Philip Sciberras fl-ismijiet Grezzju Azzopardi vs Pblic Broadcasting Services Limited deciza fit-28 ta' Jannar 2008**, it-Tribunal Industrjali kien laqa' l-eccezzjoni ta' dekadenza izda l-Qorti tal-Appell kienet hassret din id-decizjoni stante li l-artikolu 75(3) tal-Kap 452 jitkellem fuq it-tehid ta' azzjoni fit-terminu staturju prefiss mid-data effettiva tal-ksur allegat; invece l-artikolu 30(1) jistipula li fil-kaz ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg zmien utli ghall-prezentanta tal-ilment mill-ksur allegat. Il-Qorti kkonkludiet kif gej: *"Huwa sintomatiku f'materja ta' ksur bhal dan illi minn natura stess tieghu ma jistax jigi alleccjat ma' xi data effettiva in kwantu jekk l-appellanti, kif allegat, ikompli jissubixxi l-istess trattament differenzjali u jissokta jircievi rata ta' rimnerazzjoni inferjuri ghal xoghol ta' valur ugwali, komparat ma' haddiema ohra fl-istess klassi, tali ksur ma jista hlief jitqies wiehed li, kif kwalifikat mil-kazistika Ingliza citata mill-appellanti, huwa a continuing act perkorribbli matul id-durata tal-impjieg. "*

Mill-provi jirrizulta li l-ksur lamentat huwa ta' natura kontinwata u ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal qed jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' ntimata u jordna l-prosegwiment tal-kaz.

(Iffirmat)
**Dr Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**